Il-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
**Magistrat Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**

**Illum, is-17 ta' Frar 2025**

**Distrett Valletta**

**Il-Pulizija**
**(Spt. Gabriel Micallef)**

**Versus**

**Christian Borg**
**(315493M)**

**Il–Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet kontra **Christian Borg,** detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 315493M.

Akkuzat talli nhar it-22 ta' Jannar 2021, gewwa l-bini tal-Qorti tal-Magistrati, Triq ir-Repubblika, il-Belt Valletta:

1. Xehed falz f'kawza ta' materja civili (Art. 106(1)(3), Kap. 9)

2. F'kull kaz iehor mhux imsemmi fl-artikoli ta' qabel ta' dan is-subtitolu, halef falz quddiem Imhallef, Magistrat jew Ufficjal (Art. 108 (1)(2), Kap. 9)

Rat id-dokumenti kollha pprezentati fl-atti porcesswali.

Semghat ix-xhieda.

Semghat it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat**

Illi rat l-Affidavit ta' PS2344 Abigail La Ferla mmarkat Dok GM1, fejn iddikjarat illi fl-24 ta' Gunju 2021 l-Pulizija tal-Belt Valletta, ircevew kwerela minghand il-Magistrat Dr. Gabriella Vella fejn talbet sabiex jittiehdu proceduri kriminali fil-konfront ta' Christian Borg, wara li kien xehed falz quddiemha waqt is-seduta tat-23 ta' Gunju 2021 bi ksur tal-Artikolu 106(1)(2)(3) u 108(1)(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Fit-12 ta' Jannar 2023, il-Pulizija ghamlu kuntatt ma' Christian Borg biex jkellem l-Avukat tieghu u jirraporta gewwa l-ghassa l-ghada, u huwa naqas li jattendi u naqas li jobdi l-ordnjiet legittimi moghtija lilu minn PS 2344.

Illi xehed Etienne Scicluna, Direttur Registratur tal-Qorti Civili u Tribunali, li kkonferma Digriet ghar-Rikors numru 258/2020 tal-Qorti tal-Magistrati (per Magistrat Dr Gabriella Vella) tat-23 ta' Gunju 2021, u pprezenta vera kopja li gie immarkat Dok AMG1.

Illi xehed Joseph Rivans, fejn ipprezenta dokument mill-Agenzija Identita' immarkat JR1.

**Ikkunsidrat**

Illi l-akkuzi kontra l-imputat hargu wara kwerela li saret minn Qorti diversament preseduta, li talbet li jittiehdu proceduri fil-konfront tal-imputat tali xehed falz quddiemha f'kawza civili. Il-prosekuzzjoni pprezentat l-affidavit ta' PS 2344, kopja tas-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati f'liema kawza kien allegatament xehed falz l-imputat, u dokument mill-Agenzija Identita' li juri l-indirizz tal-imputat.

Illi l-prosekuzzjoni naqqset milli tipprezenta t-transcripts tax-xhieda tal-imputat meta kien xehed bil-gurament quddiem il-Qorti diversament preseduta fit-22 ta' Jannar 2021. Illi ghalhekk l-prosekuzzjoni naqqset milli tipprova l-kaz taghha minghajr kull dubju dettat mir-raguni.

Illi ghalhekk il-Qorti wara li semghat x-xhieda u rat d-dokumenti pprezentati fl-atti processwali hija konvinta illi l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat ma' gewx ppruvati sal-grad rikjest mill-Ligi.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti qed tiddkjara lill-**imputat mhux hati** u qed tilliberah mill-akkuzi migjuba kontrih.

**Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**
**Magistrat**